# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 48/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Publius Said**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Publius Said (**1**) talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Publius (Leo) Said & Sons Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-30 ta' April, 2000, ghall-habta tas-7.15pm, fit-Trade Fair Grounds, Naxxar, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; (**2**) u aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' L-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-19 ta' Frar, 2002 li permezz taghha dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni peress li kkunsidratha bhala alternattiva ghat-tieni wahda, u sabet lill-imsemmi Publius Said hati skond it-tieni imputazzjoni u kkundanntu multa ta' mitejn u hamsa w ghoxrin lira (Lm225);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Publius Said, minnu ppresentat fl-1 ta' Marzu, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka jew, alternattivament, ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell huwa, kemm ghal dawk li huma fatti kif ukoll ghal dawk li huma l-aggravji ta' l-appellant, prattikament identiku ghall-appell fl-istess ismijiet pero` bin-numru 47/2002 li ghadu kif gie deciz illum stess. L-unika differenza hija d-data li fiha sehh ir-reat, li f'dan il-kaz hija t-30 ta' April, 2000 (mentri fil-kaz tal-appell nru. 47/2000 id-data kienet 28 ta' April, 2000). In fatti, fl-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2002 kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali, permezz tad-difensuri rispettivi taghhom Dott. Pierre Lofaro u Dott. Michaela Spiteri, qablu li l-fatti f'dana l-appell kienu identici ghal dawk fl-appell nru. 47/2002 hlief ghad-data tar-reat, u qablu wkoll li l-provi mismugha f'dak l-appell ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghal dana l-appell.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid hlief li, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum fl-appell nru. 47/2002 u in partikolari ghall-motivazzjonijiet li wassluha biex tirrespingi dak l-appell. Ghar-ragunijiet kollha migjuba f'dik is-sentenza (App. nru. 47/2002), l-appell f'din il-kawza (App. nru. 48/2002) qieghed ukoll jigi respint, u s-sentenza ta' l-ewwel qorti qed tigi konfermata.

Aldo Testone
Deputat Registratur